**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 5 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Hubert Cini)**

**-vs-**

**John Pace**

Kumpilazzjoni Nru. 475/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Pace, talli:

1. bejn is-6 ta' Gunju, 2015, ghal habta ta' bejn is-1:30pm u 2:00pm gewwa Triq Mahatma Gandhi, il-Fgura, Malta f'diversi hinijiet, ikkaġuna lil Maria Dolores Pace biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.;
2. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ta fastidju lil mara tieghu Maria Dolores Pace u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.;
3. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ikkaguna lil Maria Dolores Pace allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' l-istess Maria Dolores Pace dan bi ksur tal-Artikli 251 BA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.;
4. fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ma obdiex ordnijiet legittimi tal-awtorita' (Pulizija ta' Malta) jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew jhassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba

dn id-dizubbidjenza jew indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali Kap 9 u dan bi ksur tal-Artikli 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.;

5. fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LLD nhar is-26 ta' Settembru, 2014, billi kiser r-rekwizit numru 3 billi avvicina ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Maria Dolores Pace, billi ikkommetta reat iehor bi ksur tar- rekwizit 4 tal-ordni imposta f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Kif ukoll talli kiser Ordni ta' protezzjoni moghti mill- Magistrat Dr. N. Camilleri LLD moghti fis-26 ta' Settembru 2014 biex, javvicinax lill-imsemmija jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Dolores Pace skont l-artriklu 412 C tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tinhareg ordni ta'protezzjoni fil-konfront ta' Maria Dolores Pace ai termini tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi ***John Pace*** u tordna l-arrest mill-gdid ta' 'l-imsemmi imputat kif ukoll tghaddi is-somma ta' €6000 ghand il- Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta liema sentenzi kienu moghtija lil John Pace u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li (i) bezza persuna li se tintuża vjolenza kontriha; (ii) ta fastidju; (iii) segwa persuna bil-moħbi liema segwiment involva biża' li titwettaq vjolenza, jew holoq alarm jew dwejjaq; (iv) ma obdiex ordnijiet legittimi; (v) kiser ta' kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest; (vi) kiser ordni ta' protezzjoni (vii) huwa recidiv.

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

Nhar is-6 ta' Gunju 2015, ghalkemm mwissi mill-Ispettur Hubert Cini[1] sabiex jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hekk kif ordnat mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar is-26 ta' Settembru, 2014[2] kif ukoll Ordni ta' Protezzjoni[3] mahrug dakinhar stess fejn gie ordnat sabiex ma javvicinax lil Maria Dolores Pace, l-imputat kien mar fid-dar li kien jirrisjedi fiha. Skond martu Maria Dolores Pace, l-imputat kien beda jhabbat u jaghti bis-sieq mal-bieb filwaqt li jghidilha sabiex jekk trid hi tista' ccempel lill-Ispettur Cini ghax hu kien qed jisfidah.[4]

Fl-istqarrija[5] tieghu Pace jammetti li kien inghata ordni sabiex ma javvicinx lill-martu filwaqt li insista li hu qatt ma kien heddida izda ried li jitkellem maghha u kien ghalhekk li beda jhabbat mal-bieb taghha. L-Ispettur Cini kif ukoll PC311 jixhdu li Pace kien gie mwissi sabiex jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-*bail*. PC311 jghid li dan kien *"bejn nofsinhar u l-kwarta"*.[6]

Wara rapport li kien sar ghal xi siegha u nofs ta' wara nofsinhar,[7] il-Pulizija li wasslu fuq il-post, PC195 u PC1011, jghidu li raw lil Pace hiereg mill-bieb tal-komun tal-flats u kif rahom saqsihom kienux sejrin ghand l-Ispettur Cini. PC195 jghid li Maria Dolores kienet qaltlu li l-imputat kien ipprova jiftah bic-cavetta u meta ma rnexxilux beda jaghti mill-bieb filwaqt li jghidilha biex ccempel lill-Ispettur Cini halli jisfidah.[8] PC1011 jghid li Pace ma werriex rezistenza.[9] L-atteggjament tal-imputat li jisfida lill-Ispettur Cini kien gja prezenti meta fit-2 ta' Gunju, 2015, meta mitkellem min PC1304 u PC1071 kien kategoriku li mhux se jaderrixxi mal-kundizzjonijiet impost fuqu.[10] Meta gie mitkellem minn Cini u ordnat ma jersaqx lejn martu, hi ma kienitx prezenti ghal dik il-konversazzjoni u ghalhekk qatt ma setghet kienet taf bit-twissijiet u ordnijiet li kien tah precedentement l-Ispettur Cini u konsegwetement li effetivament hu kien qieghed jisfida l-ordnijiet lilu moghtija meta xorta mar fil-fond fejn toqghod martu!

L-imputat ghazel li jixhed u stqarr li meta hareg mill-Habs kienet marret ghalih martu Maria Dolores Pace. Mix-xhieda moghtija jirrizulta li d-dizgwid li wasslu sabiex nhar is-6 ta' Gunju, 2015, jirrikorri f'dar martu, u jikser l-kundizzjonijiet mhux biss tal-Ordni ta' Protezzjonijiet izda dawk li jirregolaw il-helsien mill-arrest tieghu, kien jirrigwarda l-fatt li martu baqghet tirrisjedi fil-post li kien jghix

[1] Fol.30-31
[2] Fol.48
[3] Fol.49
[4] Fol.25 et seq.
[5] Dok. HC2, Fol.12
[6] Fol.38
[7] Fol.35
[8] Fol.34-35
[9] Fol.36
[10] Fol.44; Fol.46

fih hu wara li martu kienet regghet marret tghix mieghu.[11] Hu spicca minghajr saqaf fuq rasu, anzi aghar minn hekk ghaliex hu kien halla lill-martu tghix fil-fond tieghu w spicca ma jistax jirrisjedi gewwa hwejjgu. L-imputat jinsisti li hu kien uza l-edukazzjoni kollha meta mar ikellimha dakinhar li sehhew il-fatti mertu ta' din il-kawza. In kontro-ezami l-imputat jammetti li hu kien gie mwissi mill-Ispettur Cini sabiex ma javvicinax il-fond li kienet tirrisjedi fih martu.[12]

Illi ghalkemm Maria Dolores Pace ma tidhirx li kienet hekk imbezza minn zewgha, kif trid taghti l-impressjoni, tant li marret tigbru hi personalment mill-Habs, xorta jibqa' l-fatt li kien l-imputat li kellu ordnijiet sabiex ma javvicinax lill-martu u mhux vice versa. B'ammissjoni tieghu stess sar dan. Filwaqt li tali agir minn naha taghha seta xejjen l-ewwel tlett imputazzjonijiet, certament ma joffru ebda skuzant fir-rigward tal-fatt li kiser ordni ta' protezzjoni mahrug fil-konfront tigehu kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-helsien mill-arrest tieghu. Illi fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[13]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

---

[11] Fol.68
[12] Fol.71-73
[13] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Ssir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef:**[14]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived**

[14] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

**'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat hekk imsejjah ta' *stalking* introdott fil-ligi taghna bl-Att XXIV tal-2014. Il-konsiderazzjonijiet maghmula rigward l-ewwel zewg imputazzjonijiet jassumu rilevanza akbar fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni. L-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dawn ir-reati ma jisussistux jekk dan ikun xi incident izolat. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mil-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Illi mhux l-istess jista' jinghad ghall-akkuzi rimanenti. Mill-atti processwali jirrizulta certament illi bl-imgieba tieghu l-imputat naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-ufficjal tal-pulizija l-Ispettur Hubert Cini.

"Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill-Pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv iddritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Austin Grech"** [6.10.1992]). Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun *prima facie* legittimu, igifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma li fih jinghata (ara App. Krim' **"Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze"**[25.6.1997].[15]

Se ssir referenza wkoll ghal bran mis-sentenza succitata **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[16] li huwa applikabbli ghall-kaz odjern ossia:

"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva. L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonce aggressiv."

---

[15] Il-Pulizija vs. Carmel Tonna,09.07.2009, App.Krim

[16] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Ghaldaqstant l-imputat certament huwa hati tal-kontravenzjoni ikkontemplata fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

Illi fuq kollox meta kien qed jaghti dik l-ordni, l-Ispettur Cini ma kien qed jaghmel xejn ghajr li jaghmel tieghu ordnijiet moghtija mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri, li nhar is-26 ta' Settembru, 2014 impona *inter alia* kundizzjoni fuq l-imputat sabiex ma javvicinax xhieda tal-prosekuzzjoni (kundizzjoni numru 3) u ma jikkomettix delitt iehor (kundizzjoni numru 4).

Dwar il-fatt li Maria Dolores Pace kienet xhud tal-prosekuzzjoni fil-proceduri relattiivi ma ngiebet ebda prova, kif lanqas ma jista jinghad li l-imputat kkometta delitt iehor ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mil-arrest peress li l-artiklu 338(ee) tal-Kodici Kriminali huwa reat kontravvenzjonali u mhux delitt. Ghaldqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-hames imputazzjoni. Konsegwentement din il-Qorti mhix tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-arrest ta' l-imsemmi John Pace u lanqas it-talba sabiex is-somma komplessiva ta' sitt elef ewro (6,000) tigi konfiskata favor il-Gvern ta' Malta.

Illi l-istess Magistrat kien hareg Ordni ta' Protezzjoni bl-istess data fejn l-imputat kien ordnat sabiex ma jimmolestax jew ma jikkuntattjax lil Maria Dolores Pace filwaqt li gie projbit jew ristrett milli javvicinaha.[17] Mhemmx dubbju li l-imputat, anke wara li gie debitament mwissi kontra, minghajr skuża raġonevoli kiser xi projbizzjoni u restrizzjoni imposta fuqu bl-imsemmi Ordni. Ghalhekk din l-imputazzjoni giet ampjament ippruvata u l-imputat qed jinsab hati tar-reat previst bl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Gew esebiti diversi sentenzi li permezz taghhom l-imputazzjoni tar-recidiva qed tigi pruvata u senjatament dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Ottubru, 2013.[18]

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 31, 49, 50, 338(ee) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi ai termini ta' l-artikoli 251A, 251B, 251BA u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah ghall-tlett xhur prigunerija kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000).

---

[17] Fol.48-49
[18] Fol.56 et seq.

U biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, Maria Dolores Pace, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin li ghandhom jibdew jiddekorru minn mindu jiskonta s-sentenza ta' habs fi proceduri ohra.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**